MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 389/2010

**AB nee` C**

**vs**

**Avukat Dr Mark A Mifsud Cutajar u il-PL Nicolette Aquilina b'digriet tal-10 ta' April, 2013 gew nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ibrahim HY**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta’ Dicembru 1997, mill-liema zwieg ma twieldux tfal;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga. Illi fil-fatt l-attrici skopriet wara z-zwieg li Ibrahim HY qabel ma zzewwigha gia kien mizzewweg u ddivorzjat fl-Egittu u qieghed fil-prezent jabita mat-tieni mara li rega’ zzewweg ukoll fl-Egittu;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskuzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;
7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skont it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1)(h);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici u l-intimat assenti Ibrahim Hassan Youssef Elasrag datat is-16 ta' Dicembru 1997 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c) u/jew (d) u/jew (1)(f) u/jew (1)(g) u/jew (1) (h) tal-Att Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati jecepixxi li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata, f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1] l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat ftit inqas minn sena minn mindu romlot. Tispjega li wara l-battalja tal-kancer li ghadda minnha zewgha, spiccat wahedha tiehu hsieb lil bintha Ina li dak iz-zmien kellha sittax-il sena. Peress li bintha bdiet tohrog u bdiet tiehu l-liberta' taghha, sabet ruhha aktar wahedha. Is-solitudni zdiedet anke ghaliex l-attrici ghandha problema bil-vista taghha tant li ma tarax minn ghajn wahda filwaqt li ghandha vista baghtuta mill-ghajn l-ohra.

Hija tghid li kien permezz tal-habiba taghha Rita Sciberras li ltaqghet mal-intimat f'Gunju 1997. Hu kien offrielha drink u beda jkellimha u mill-ewwel fethet qalbha mieghu. Peress li hadet gost titkellem mieghu u hadet gost bl-attenzjoni, accettat li terga' tiltaqa' mieghu. Bdew jiltaqghu aktar regolari u l-fatt li kienet ghaxar (10) snin akbar minnu ma dejjaqhiex ghaliex rat li ladarba l-intimat assenti kien kuntent, allura xejn aktar ma kien jiswa. Tghid li kien zball da parti taghha li uriet lill-intimat id-dar 'Villa Robinich' ghaliex b'hekk ha impressjoni li minn din id-dar seta' jaghmel il-flus, kif fil-fatt ghamel. Kienet qaltlu wkoll bil-wirt li wirtet minghand ir-ragel taghha kif ukoll minghand missierha apparti l-fatt li kellha s-somma ta' Lm60,000 u ghalhekk l-intimat kien jaf li hi pjuttost komda finanzjarjament. Tghid li flusha kienu r-raguni ghaliex l-intimat izzewwigha.

Issemmi wkoll li l-intimat kien isemmi l-problemi tal-visa fis-sens li kien jibza' li ser jigi xi zmien fejn jinqabad bla visa u jitkecca minn Malta. Beda jsemmi wkoll iz-zwieg, ghalkemm ma kienx isemmi l-kwistjoni tal-visa direttament. Kien jghid li r-religjon tieghu ma tippermettix li jghix ma' xi hadd barra z-zwieg u ghalhekk skond hu kien ahjar li kieku jizzewgu. Tghid li peress li kienet tiehu pjacir bil-kumpanija tieghu u peress li kienu jkunu intimi flimkien, accettat li jizzewgu anke ghaliex ma riditx li terga' tispicca wahedha. Iz-zwieg sehh biss wara sitt (6) li ltaqghu. Tghid li kienu l-fatti li graw wara z-zwieg li urewha li l-intimat qatt ma kellu intenzjoni li jizzewwigha ghax kien ihobbha izda ghal ragunijiet ohra, fosthom minhabba flusha kif ukoll minhabba l-visa.

[1] Esebit a fol 38 tal-process

Tirrakkonta wkoll li qabel iz-zwieg ma kienitx taf li l-intimat kellu l-vizzju tal-loghob u fuq kollox ma kienitx taf li kellu familja ohra, ghaliex ghalkemm kien minnu li kien divorzjat mill-mara li kien isemmi, kien ghadu mizzewweg ma’ mara ohra li ghandu t-tfal minnha. Minflok tifel wiehed li l-attrici kienet taf bih (minn mal-mara li kien divorzjat maghha) skopriet li kien hemm ukoll wild iehor. Ghalkemm ikkunsidrat li titilqu wara li skopriet dan kollu, thassritu ghaliex ikkonvinciha li ma kienx qalilha l-verita’ ghax beza’ li ma kienitx taccettah peress li kien divorzjat darbtejn (dan ghaliex l-intimat baqa’ jinsisti li anke mit-tieni mara tieghu kien divorzjat u mhux minn wahda).

Tghid li kien l-intimat li hareg bl-idea li l-kumpanija li kellha tigi ffurmata bil-ghan li jkun hemm negozju b’Villa Robinich kellha tghajjat kwantu ghal 45% lilu. L-attrici tghid li dan kien zball iehor ghaliex il-flus, minflok fuq l-investiment kienu qed jintefqu minnu ghall-vizzju tal-loghob. Tghid li tant ha flus li f’ghaxar snin li damu bin-negozju, qatt ma raw qliegh. Il-flus ma ntuzawx biss ghal-loghob izda wkoll ghal uliedu tant li ammetta li kien xtara zewg mini buses u tliet taxis biex uliedu jkunu jistghu jahdmu bihom.

L-attrici tkompli tghid li kellhom jghaddu tnax (12) –il sena biex tiskopri li zewgha kien ghadu mizzewweg lill-ewwel mara tieghu u li fil-verita’ fiz-zmien li sar l-affidavit mertu ta’ dawn il-proceduri, kien ghadu mizzewweg maghha. Issostni li meta accettat li tizzewweg lill-intimat, ma kienitx taf li kellu familja ohra u li fil-fatt kien ghadu mizzewweg. Taghlaq billi tghid li li kieku kienet taf bil-fatti kollha li skopriet wara z-zwieg, zgur li ma kienitx tizzewgu. Wara kollox, l-istess intimat qatt ma gab ruhu maghha ta’ ragel mizzewweg.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-16 ta' Dicembru 1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti, apparti mix-xiehda tal-attrici, taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta' bintha Ina Robinich[2] kif ukoll ghall-affidavit ta' Antonella Briffa[3] fejn jispjegaw u jikkonfermaw hafna mill-fatti kif rakkontati mill-attrici. Ina Robinich tghid li ma haditx pjacir bir-relazzjoni ta' ommha mal-intimat assenti pero' halliet id-decizjoni f'idejha. Antonella Briffa tikkontendi li l-intimat izzewweg lil ommha ghall-flus u xejn aktar.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, jirrizulta b'mod car li l-intimat assenti qarraq bl-attrici meta ma qalilhiex li kien ghadu mizzewweg mal-ewwel mara tieghu u li kellu aktar minn wild wiehed (minn zewg nisa') u li kellu l-vizzju tal-loghob. Dan necessarjament juri li l-intimat qarraq bl-attrici dwar l-agir tieghu u l-istat tieghu ghaliex kif tiddikjara l-attrici stess, kien minghaliha li l-intimat kien divorzjat u li kellu wild wiehed. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[4] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[5] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

---

[2] Esebit a fol 44 tal-process
[3] Esebit a fol 49 tal-process
[4] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici ressqet provi sufficjenti li juru li l-elementi necessarji msemmija fil-gurisprudenza citata aktar 'il fuq gew sodisfatti u ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tilqax it-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel. Xejn ma hasbet dwar il-konsegwenzi taz-zwieg, dwar il-hajja taghhom bhala koppja mizzewga. Hasbet biss fil-mument, kif ser 'issolvi' l-kwistjoni li ma ssibx ruhha wahedha aktar u kif ser issolvilu l-problema tal-visa u xejn aktar. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta biss mal-fatt li l-attrici ma rieditx terga' ssib ruhha wahedha (specjalment jekk l-intimat tiskadilu l-visa u jkollu jitlaq minn Malta). Dan ifisser li attrici xejn ma hasbet fuq dak li kienet diehla ghalih ghaliex f'mohha dahlitha li dan ir-ragel seta' jitwemmen u kien ta' min jafdah. Dan kollu huwa kkorraborat ukoll mill-fatt li l-attrici u l-intimat assenti zzewgu fi zmien sitt (6) xhur minn mindu ltaqghu, liema perjodu huwa indikattiv tal-hsieb li kellu l-intimat assenti.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha, u dan anke in vista tal-fatt li l-istess attrici dahlet ghal dan iz-zwieg biex ma tibqax wahedha u biex taccerta ruhha li l-intimat ma kienx ser jitlaq minn

[6] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Malta u ma jirritornax, minghajr ma hasbet fil-konsegwenzi kollha taz-zwieg u minghajr ma hasbet li kien ghadda wisq ftit zmien ghal tali pass tant importanti.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. L-attrici tghid li l-intimat qarraq biha (kif fil-fatt irrizulta) pero' l-fatt li qarraq biha ma jfissirx li l-intimat huwa hati wkoll ta' simulazzjoni, kompleta jew parzjali.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet ma rnexxilhom igibu prova li permezz taghha setghu jipprovaw li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(g) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur, ghal darb'ohra il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda hjiel dwar liema kondizzjoni tal-futur l-attrici qieghda taghmel referenza ghaliha. Dan qieghed jinghad ghaliex l-attrici ma ssemmix x'setghet kienet tali kondizzjoni.

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(h) u cioe' li l-kunsens ta' l-intimat kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar z-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[9] fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sufficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fil-hin tal-kunsens, l-intimat ma setax jaghti kunsens liberu u ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Prova dwar dan ma tressqitx u ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi milqugha abbazi ta' dan l-Artikolu.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[10] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li ma tressqet ebda prova li permezz taghha tista' b'xi mod twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista' jkun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(c) u 19 (1)(d) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li provvizorjament l-ispejjez tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

[9] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[10] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

---------------------------------TMIEM---------------------------------